**Domandi preliminari**

1) L-informazzjoni dwar l-indirizz ġeografiku u l-identità tal-kummerċjant, fis-sens tal-Artikolu 7(4)(b) tad-Direttiva 2005/29/KE ([1]) għandha tkun diġà inkluża fir-reklamar għal prodotti speċifiċi li jsir f'pubblikazzjoni stampata, anki jekk il-konsumaturi jixtru l-prodotti rreklamati biss permezz tas-sit internet, indikat fir-reklamar, tal-impriża li tagħmel il-promozzjoni tal-prodotti u l-konsumaturi jistgħu faċilment jiksbu l-informazzjoni rikjesta fl-Artikolu 7(4) tad-Direttiva minn dan is-sit internet jew permezz tiegħu?

2) Ir-risposta għall-ewwel domanda tiddependi mill-kwistjoni ta' jekk l-impriża tagħmilx ir-reklamar f'pubblikazzjoni stampata għall-bejgħ tal-prodotti tagħha stess u tirreferi direttament għas-sit tagħha stess għall-informazzjoni rikjesta mill-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2005/29/KE, jew jekk ir-reklamar jirreferix għal prodotti mibjugħa minn impriżi oħra fuq sit internet tal-impriża li tagħmel il-promozzjoni tal-prodotti u l-konsumaturi jiksbu l-informazzjoni rikjesta mill-Artikolu 7(4) tad-Direttiva biss permezz ta' azzjoni jew diversi azzjonijiet addizzjonali (klikks) permezz ta' links li jirreferu għas-siti internet ta' dawn l-impriżi l-oħra, links li jidhru biss fis-sit imsemmi fir-reklamar, jiġifieri dak tal-amministratur tal-bejgħ interface?

([1]) Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 149, p. 22.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Oradea (ir-Rumanija) fl-1 ta' April 2016 – Ruxandra Paula Andriciuc *et* vs Banca Românească SA

**(Kawża C-186/16)**

(2016/C 243/17)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Oradea

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ruxandra Paula Andriciuc *et*

*Konvenuta:* Banca Românească SA

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 93/13 ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li żbilanċ sinjifikattiv fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt għandu jiġi analizzat billi jitqies strettament il-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt jew għandu jkopri wkoll is-sitwazzjoni li fiha, matul iż-żmien tal-kuntratt eżegwit suċċessivament, tibdil sinjifikattiv tar-rata tal-kambju jrendi l-obbligi tal-konsumatur eċċessivament onerużi meta mqabbla mal-istat tagħhom fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt?

2) Il-lingwaġġ sempliċi u ċar ta' klawżola kuntrattwali previst fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 għandu jinftiehem fis-sens li l-klawżola inkwistjoni għandha tindika biss ir-raġunijiet tal-inklużjoni tagħha fil-kuntratt u l-mod kif din tiffunzjona, jew għandha tindika wkoll il-konsegwenzi kollha li din jista' jkollha fuq il-prezz imħallas mill-konsumatur, bħar-riskju tal-kambju, u, fid-dawl tad-Direttiva 93/13, jista' wieħed iqis li l-obbligu tal-bank li jinforma lill-klijent fil-mument tal-għoti tal-kreditu jipprevedi biss il-kundizzjonijiet ta' kreditu, jiġifieri l-interessi, il-kummissjonijiet u l-garanziji imposti fuq il-persuna li tissellef, mingħajr l-inklużjoni taħt dan l-obbligu tal-possibbiltà ta' żieda fil-valur jew deprezzament ta' munita barranija?

3) L-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-espressjonijiet "kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt" u s-"suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra", ikopru klawżola inkluża f'kuntratt ta' kreditu konkluż f'munita barranija bejn negozjant u konsumatur li ma ġietx innegozjata individwalment u li skontha l-kreditu għandu jiġi rrimborsat fl-istess munita?

(1) Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha (Spanja) fit-18 ta' April 2016 – Elecdey Carcelén S.A. vs Comisión Superior de Hacienda de la Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha

**(Kawża C-215/16)**

(2016/C 243/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Qorti tar-rinviju

Tribunal Superior de Justicia de Castilla-La Mancha, Sala Contencioso-Administrativo, Sección Segunda

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Elecdey Carcelén S.A.

*Konvenuta:* Comisión Superior de Hacienda de la Comunidad Autónoma de Castilla-La Mancha

### Domandi preliminari

1) Peress li l-"iskemi ta' sostenn" kif iddefiniti fl-Artikolu 2(k) tad-Direttiva 2009/28[/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE], u fosthom l-inċentivi fiskali bħalma huma t-tnaqqis tat-taxxa, l-eżenzjonijiet u r-rimborsi tat-taxxa, huma mfassla bħala strumenti sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' konsum tal-enerġija rinnovabbli previsti f'din id-direttiva, għandu jitqies li l-inċentivi jew il-miżuri msemmija għandhom natura vinkolanti u jorbtu lill-Istati Membri, b'effett dirett sa fejn dawn jistgħu jiġu invokati mill-individwi affettwati quddiem kwalunkwe tip ta' istanzi pubbliċi, ġudizzjarji u amministrattivi?

2) Il-frażi "iżda mhuwiex limitat biss" li tinsab fl-elenku, fost l-"iskemi ta' sostenn" imsemmija fid-domanda preċedenti, ta' inċentivi fiskali li jikkonsistu fi tnaqqis tat-taxxa, f'eżenzjonijiet u f'rimborsi ta' taxxa, tfisser li għandu jitqies li n-nuqqas ta' tassazzjoni għandu jingħadd fost dawn l-inċentivi, jiġifieri l-projbizzjoni ta' kull tip ta' impożizzjoni speċifika u partikolari, li tiżdied mat-taxxi ġenerali imposti fuq l-attività ekonomika u l-produzzjoni tal-elettriku, miżmuma fuq l-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli? Bl-istess mod, għandu jitqies li l-projbizzjoni ġenerali ċċitata iktar 'il fuq tinkludi l-projbizzjoni ta' taxxa doppja, ta' kumulu jew ta' sovrappożizzjoni ta' diversi taxxi ġenerali jew speċifiċi imposti fuq fażijiet differenti tal-attività ta' produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għandhom impatt fuq l-istess fatt taxxabbli intaxxat bit-tariffa eolika inkwistjoni?

3) Jekk ir-risposta għad-domanda preċedenti tkun negattiva u jekk it-tassazzjoni tal-enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli hija aċċettata, għall-finijiet tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118[/KE, tas-16 ta' Diċembru 2008, dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE], il-kunċett ta' "finijiet speċifiċi" għandu jiġi interpretat fis-sens li l-għan imfittex għandu jkun esklużiv u li, barra minn hekk, it-taxxa imposta fuq l-enerġija rinnovabbli għandha jkollha, mill-perspettiva tal-istruttura tagħha, natura verament mhux fiskali u mhux sempliċiment baġitarja jew ta' ġbir ta' dħul?